MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1339/2002/1

***Lloyds (Malta) Limited bhala rapprezentanti ex lege ghan-nom tal-membri ta' Lloyds li flimkien jifformaw id-ditta assikuratrici ossia syndicates ta' Lloyds li jgibu n-numri 1245, 727, 510, 990, 570, 183, 991, 807, 1239, 314, 780, 1229 u 994 in konnessjoni ma' polza numru 757 702-041-001 mahruga fl-1 ta' Frar 2000 u Rausi Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti lokali tad-ditta assikuratrici ossia syndicate kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Joseph Psaila***

***vs***

***Gilbert Portelli***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Mejju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici nomine et. nomine s-somma ta' tlett mija u disgha u hamsin liri Maltin u erba' u hamsin centezmu (Lm359.54c) rappresentanti danni kkagunati lis-socjeta' attrici li hallset sabiex issewwiet il-vettura ta' l-assigurat taghhom Joseph Psaila tal-marka Fiat Seicento bin-numru ta' registrazzjoni MYX-600 in segwitu ghall-incident stradali li gara fi Fleet Street kantuniera ma' Rue d'Argens, Gzira li fih kienet involuta l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBI-674 misjuqa mill-konvenut, ghal liema ncident kien unikament responsabbli l-istess konvenut. L-ammont mitlub jikkomprendi Lm199.54 ghat-tiswijiet li saru fil-vettura ta' l-istess attur skond *survey report*, Lm7 *survey report*, Lm3 *police report* u Lm150 *excess* imhallsa minn Joseph Psaila.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tad-29 ta' Ottubru 2001 u l-ittra ufficjali tat-18 ta' April 2002 u dawk ta' l-ittra ufficjali ppresentata kontestwalment ma' l-avviz a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fid-19 ta' Gunju 2002 fejn huwa eccepixxa illi t-talba attrici qed tigi kkontestata billi l-incident stradali mertu tal-kawza sehh b'tort u htija ta' Michael Psaila.

Ra d-dokumenti esibiti mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2002 fejn gie esibit kopja tar-rapport tal-pulizija rigward l-incident tat-traffiku mertu tal-kawza, kif ukoll kopji tal-fatturi rigward hlasijiet ghat-tiswija tal-vettura assikurata mas-socjeta' attrici nomine, kif ukoll is-*survey report*, liema dokumenti gew immarkati bhala Dokument MP1 u MP3 sa MP6 fl-atti processwali. Ra ukoll id-dokument esibit mill-konvenut immarkat bhala

Dokument MP2, konsistenti f'skizz maghmul minnu stess in konnessjoni ma' l-incident mertu tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Michael Psaila, ta' Dr. Paul Gauci Maistre u tal-konvenut Gilbert Portelli.

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti.

Ra n-nota esibita fis-16 ta' Ottubru 2002, mis-socjeta' attrici li permezz taghha gew esibiti tlett sentenzi li ghalihom saret referenza matul il-kors tat-trattazzjoni tad-difensur taghha.

Ikkunsidra:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi d-dinamika ta' l-incident sehh meta l-vettura misjuqa mill-konvenut li kienet tiela' Rue d'Argens fid-direzzjoni lejn tas-Sliema, qasmet fuq il-karregjata l-opposta tat-triq biex tmur tipparkja man-nahha l-ohra tat-triq biex b'hekk habtet mal-vettura misjuqa minn Michael Psaila li kienet hierga minn triq sekondarja u cioe' minn Fleet Street biex idur ghal go Rue D'Argens.

Illi irrizulta mill-provi illi l-pulizija ma ssejjhux fuq il-post ta' l-incident ghaliex il-konvenut telaq minn fuq il-post ghaliex haseb illi ma kienux gew ikkagunati hsarat u ghalhekk kien l-attur li mar l-ghassa ta' Tas-Sliema biex ghamel ir-rapport, liema rapport gie esibit fil-kors tax-xhieda ta' Michael Psaila, s-sewwieq tal-vettura ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici u mmarkat bhala Dokument MP1.

Illi Michael Psaila, li jigi n-neputi ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici ta l-verzjoni tieghu tal-incident mertu tal-kawza u qal illi huwa kien qieghed isuq l-vettura tal-marka Fiat Seicento bin-numru ta' registrazzjoni MYX600. Ighid illi l-incident sehh fl-24 ta' Lulju 2000 gewwa Triq Fleet, il-Gzira, kantuniera ma' Rue d'Argens. Huwa jispjega illi qabel ma hareg minn Fleet Street, biex idur ghal go Rue d'Argens direzzjoni lejn l-Imsida, huwa waqqaf, hares lejn il-lemin u lejn ix-xellug u kif ra t-triq kompletament vojta mit-traffiku huwa beda jisporgi biex idur ghal go Rue D'Argens. Huwa qabel ma hareg ighid illi l-vettura tal-konvenut ra, izda din kienet qed tinsaq fuq il-karreggjata l-opposta u cioe' dik tat-traffiku li jiehu mill-Imsida ghad-direzzjoni ta' Tas-Sliema. Peress illi din il-vettura kienet

qed tinsaq fuq in-naha l-ohra tat-triq huwa qabad u hareg ghaliex ma basarx illi dik il-vettura kienet ser tigi habta u sabta fuq il-karreggjata tieghu.

Il-vettura misjuqa mill-konvenut qassmet it-triq biex giet fuq il-karregjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta biex b’hekk habtet mal-vettura misjuqa minn Michael Psaila. Ix-xhud jispjega illi l-hsarat sofferti fil-vettura ta’ zijuh kienu kollha fuq il-*mudguard* u dana peress illi jghid illi kien lehaq sporga ftit ‘il barra ghal Rue D’Argens, bejn wiehed u iehor mill-*mudguard* ‘il barra. Ighid illi mad-daqqa, il-konvenut baqa isuq madwar hames metri ‘il fuq u waqqaf, nizel mill-vettura, izda sakemm ix-xhud mar biex igib xi haga mill-vettura tieghu, l-konvenut saq u telaq. Ghalhekk huwa cempel l-ghassa tal-pulizija biex jirrapporta l-incident u fuq parir tas-surgent huwa tela’ l-ghassa dak il-hin biex jaghmel ir-rapport. Jixhed illi l-vettura tieghu hija rregistrata f’isem zijuh, hija assikurata mas-socjeta’ Rausi, b’kopertura *fully comprehensive*. Ghalhekk wara l-habta l-hsara ssewwiet mis-socjeta’ assikuratrici. Ighid illi ma jiftakarx fejn kellu l-hsara l-konvenut u dana peress illi mal-habta huwa mar jipparkja, imbaghad dahal fil-karozza u telaq.

Illi l-*quantum* tad-danni gie kkonfermat fix-xhieda ta’ l-avukat Dr. Paul Gauci Maistre, li ezebixxa erba’ dokumenti u cioe’ Dokument MP3 sa MP6, konsistenti fl-ircevuti tad-danni kollha li kien hemm fil-vettura ta’ l-assigurat Joseph Psaila kif ukoll s-*survey report.*

Illi l-konvenut Gilbert Portelli kkonferma illi dak in-nhar ta’ l-incident huwa kien qieghed isuq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni BBI-674 f’Rue D’Argens gej mid-direzzjoni ta’ l-Imsida sejjer lejn tas-Sliema. Huwa jispjega illi xogholu huwa *salesman* u wiehed mill-klijenti tieghu huwa l-hanut Venus li jinsab f’Rue D’Argens kantuniera ma’ Fleet Street. Huwa jghid illi qabel ma ghamel il-manuvra biex jaqsam ghan-naha l-ohra tat-triq biex iwaqqaf quddiem dan il-hanut hares f’kull direzzjoni u meta ra li ma kienx gej traffiku lanqas mill-karreggjata l-ohra tat-triq fejn kien bi hsiebu jaqsam, huwa xeghel l-indicator u qasam. Kif ghamel hekk u beda jikser biex jaqsam lemah il-vettura

ta’ Michael Psaila tiela’ minn Fleet Street b’velocita qawwija hiereg ghal go Rue D’Argens.

Ighid illi hekk kif kien wasal vicin dan il-hanut u kien kwazi iddritta ghal kollox biex jipparkja quddiem il-hanut, sema’ brejk u hass caqliqa zghira u dahal fih Michael Psaila. F’dan il-mument il-vettura tieghu kienet kwazi quddiem il-hanut u l-parti ta’ wara biss kienet ghadha mas-*side road* ta’ Fleet Street u ghalhekk il-vettura misjuqa minn Michael Psaila laqtitu fuq in-naha ta’ wara tal-vettura tieghu u cioe’ fuq il-*mudguard* ta’ wara. Ighid illi l-vettura ta’ Psaila kienet ftit immejla lejn id-direzzjoni ta’ l-Imsida u laqtu bil-mudguard ta’ quddiem tieghu. Jixhed illi hsarat fuq il-vettura tieghu ma kienx hemm u bil-kemm hass id-daqqa mill-vettura l-ohra, tant illi huwa baqa isuq u waqqaf fejn kien bi hsiebu jwaqqaf. Meta nizel mill-vettura tieghu mar biex ikellem lil Psaila u staqsieh jekk kellux *mobile phone* biex icemplu lill-pulizija. Psaila qabad il-*mobile phone* u beda jcempel. Nel frattemp dahal fil-hanut u kompla bix-xoghol tieghu u meta lesta minn dak illi kien qieghed jaghmel peress illi ra li ma kellux hsara fil-vettura tieghu dahal fil-karozza u saq minn fuq il-post. Jikkontendi illi ghalkemm il-vettura ta’ Psaila kellha xi hsara fiha, pero’ illum ighid illi din il-hsara kienet tezisti qabel l-incident. Dan ighidu ghaliex bid-daqqa zghira li tah ma setghux gew irraportati l-hsarat estensivi li qed jigu mitluba.

In kontro-ezami, l-konvenut jispjega illi kien qieghed isuq bl-ghaxar kilometri fis-siegha (10k.f.s), filwaqt illi ra lil Psaila gej b’velocita’ qawwija. Izda xorta wahda jikkontendi illi ghalkemm Psaila kien gej b’velocita’ qawwija, xorta wahda huwa ma kellux hsarat fil-vettura tieghu u dana ghaliex Psaila zamm brejk. Ighid illi l-ewwel darba li lemah lil Psaila huwa kien qieghed distanza ta’ madwar zewg vetturi ‘il boghod minnu. Jikkontendi wkoll illi huwa ma waqqafx ghalkemm rah gej, ghaliex Psaila kellu *stop sign* u allura kien obbligat li jieqaf. Ighid illi ghalhekk ma ghamel xejn biex jevita l-incident peress illi basar illi Psaila kellu jieqaf. Jikkonferma illi fil-mument ta’ l-incident huwa kien fuq in-naha l-hazina tat-triq u cioe’ kien kompletament *wrong side*.

Ikkunsidra:

Illi mill-atti processwali hareg car illi l-kollizzjoni sehhet meta l-vettura misjuqa mill-konvenut, qabzet ghal fuq il-karreggjata l-opposta tat-triq u cioe' meta huwa mar kompletament *wrong-side* biex jipparrkeggja vicin hanut fejn huwa kien ser jikkonsenja xi merkanzija u b'hekk sehhet il-kollizzjoni mal-vettura misjuqa minn Michael Psaila li f'dak il-mument kienet hierga minn triq sekondarja Fleet Street biex idur ghal go Rue D'Argens.

Illi l-unici zewg xhieda li gew prodotti rigward ir-responsabbilta ghall-incident mertu tal-kawza kienu biss is-sewwieqa nvoluti u dana peress illi f'dak il-mument xhieda ohra ma kienx hemm. Ghandu jinghad qabel xejn illi hemm qbil bejn iz-zewg sewwieqa illi fil-hin ta' l-incident ma kienx hemm traffiku nizel f'Rue D'Argens mid-direzzjoni ta' Tas-Sliema lejn l-Imsida. It-triq kienet vojta. Kienet b'konsegwenza ta' dan il-fatt illi iz-zewg sewwieqa ghamlu l-manuvra intenzjonata minn kull wiehed minnhom, u cioe' Psaila intenta johrog mit-triq sekondarja li kien fiha biex idur ghal go Rue D'Argens, filwaqt illi l-konvenut iddecieda illi jaqsam it-triq biex minn fuq il-karreggjata tieghu jmur fuq il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta biex jipparkja fuq in-naha l-ohra tat-triq. Kien f'dan il-mument illi sehhet il-kollizzjoni.

Illi madankollu hemm konfliggenza bejn il-verzjoni moghtija miz-zewg sewwieqa fuq id-dinamika ta' l-istess incident, u dana ghaliex filwaqt illi Psaila jikkontendi illi huwa kien wieqaf fuq l-*istop sign* fit-triq sekondarja u wara illi assigura ruhu illi ma kienx hemm traffiku fuq in-naha tieghu tat-triq beda jisporgi bil-mod ghal go Rue D'Argens. Il-konvenut ighid illi hekk kif kien qieghed jaqsam fuq in-naha l-ohra tat-triq lemah lil Psaila tiela' minn go Fleet Street, b'velocita' qawwija u dana baqa' hiereg bil-konsegwenza illi baqa' diehel fih.

Illi ghandu jinghad madanakollu illi it-Tribunal iqis illi l-verzjoni moghtija minn Michael Psaila hija wahda aktar

verosimili u kredibbli u dana ghas-segwenti ragunijiet. Illi in-natura tal-hsarat rapportati fil-vettura ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici u l-assenza ta' hsarat rapportati fil-vettura tal-konvenut, ma jissostanzjawx it-tezi tal-konvenut li jallega illi l-vettura ta' Psaila kienet tiela' b'velocita' qawwija, ghaliex altrimenti huwa kien ertament isofri certu grad ta' hsara fil-vettura tieghu. Illi l-konvenut jallega illi l-ewwel darba li lemah il-vettura ta' Psaila, dana kien distanza ta' zewg vetturi 'il boghod minnu. Kieku dan kien minnu, certament l-konvenut kien b'xi mod jirnexxielu jevita l-incident jew billi iwaqqaf fil-pront jew inkella kien jilhaq jiskapula lill-vettura ta' Psaila, in vista tal-fatt illi t-triq f'dak il-mument kienet vojta. Illi anke dak li gara wara li sehhet il-kollizzjoni jimmilita kontra l-konvenut li dehrlu illi hekk kif kien lesta il-qadi tieghu li kien intenzjonat jaghmel, dahal fil-vettura u telaq u dana ghaliex huwa ma kellux hsara fil-vettura tieghu. Dana ghamlu ghalkemm kien jaf illi f'dak il-mument Psaila kien qieghed jipprova jcempel il-pulizija biex jirraporta l-incident.

Illi maghmula dawn il-kostatazzjonijiet, it-Tribunal issa sejjer ighaddi biex jara x' kienet il-kawza prossima ta' l-incident mertu tal-kawza. Illi qabel xejn ghandu jinghad illi z-zewg sewwieqa kienu sejrin jaghmlu manuvri tat-traffiku fejn kien jinkombi fuqhom illi jzommu *a proper lookout* u fejn il-grad ta' responsabbilta' fuqhom kienet ikbar minn dak normalment rikjest. Dana ghaliex Michael Psaila kien qieghed jintenta johrog minn triq sekondarja ghal go triq principali illi hija kemmxejn traffikuza, filwaqt illi il-konvenut kien sejjer jaqsam din it-triq hekk traffikuza biex minn fuq il-karreggjata tieghu imur fuq in-naha hazina tat-triq u cioe' biex imur fuq il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta.

Illi stabbilit illi l-verzjoni ta' Michael Psaila hija wahda kredibbli, jirrizulta ghalhekk illi Psaila li kien hiereg minn Fleet Street, ghamel dak kollu rikjest minnu, obda r-regolamenti tat-traffiku meta waqqaf u esplora t-triq qabel ma intenta johrog fuq it-triq principali. Id-dmir tieghu kien li jara jekk kienx gej traffiku fil-karregjata 'il fejn kien bi hsiebu johrog. Huwa hekk ghamel u meta ra li ma kienx gej traffiku beda jisporgi bil-mod, meta f'dak il-mument il-

vettura tal-konvenut li huwa ra qieghda tinsaq fuq in-naha l-ohra tat-triq qassmet it-triq u giet ghal fuq il-karreggjata tieghu biex b'hekk habtet fih. Illi Psaila ma kellu l-ebda obbligu li jibqa' fejn kien wieqaf sakemm ighaddi it-traffiku kollu fuq il-karreggjata l-opposta tat-triq ghaliex altrimenti jekk wiehed jaddotta dan ir-ragunament, allura jkun impossibbli ghas-sewwieqa li johorgu minn triq sekondarja ghal go triq principali ghaliex huwa kwazi impossibbli illi triq tkun kompletament hielsa mit-traffiku. Inoltre gialdarba Michael Psaila fl-ebda mument ma kien ser jinvadi dik il-karreggjata, allura ma kellu l-ebda obbligu jibqa' jistenna sakemm tghaddi l-vettura misjuqa mill-konvenut.

Illi min-naha tieghu, l-konvenut kien qieghed jiehu certu riskju meta iddecieda jaghmel manuvra kemmxejn perikoluza biex jaqsam it-triq sabiex imur fil-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta u ghalhekk jista' jigi kklassifikat bhala *main road abuser*. Kwindi r-responsabbilta' li kienet tinkombi fuqu kienet wahda kbira u dana ghaliex id-dmir tieghu kien mhux biss li jaccerta ruhu illi ma kienx gej traffiku mid-direzzjoni l-opposta, izda wkoll illi jaccerta ruhu illi lanqas mit-toroq sekondarji illi huwa kien bi hsiebu jghaddi minn hdejhom ma kien hiereg traffiku biex idur ghal go din il-karreggjata li kien qieghed jinvadi. Ma jidhirx illi l-konvenut f'xi mument waqqaf jew naqqas il-velocita' tieghu meta kien qieghed jaghmel din il-manuvra u waqqaf biss meta mar biex jipparkja, fejn kien intenzjonat li jmur. Anke il-mod kif intlaqtu l-vetturi jimmilita kontra l-konvenut u dana ghaliex jidher illi kif xehed Michael Psaila huwa qabad u habta u sabta qasam il-karreggjata bl-istess velocita' li kien ghaddej biha tant illi lanqas biss induna illi bil-parti ta' wara tal-vettura tieghu kien laqghat lill-vettura misjuqa minn Psaila.

Illi ghalhekk, jirrizulta illi l-kawza prossima ta' l-incident kienet il-manuvra perikoluza u riskjuza tal-konvenut li permezz taghha huwa kien qieghed jikser kompletament ir-regolamenti tat-traffiku, u r-responsabbilta' kienet tinkombi fuqu illi jara illi qabel ma jaqsam *wrong-side* jara illi huwa ma kienx sejjer jostakola kemm it-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta kif ukoll dak hiereg mit-toroq sekondarji ta' dik in-naha tat-triq. Dan qieghed jinghad

ghaliex din il-manuvra maghmula mill-konvenut ghamlet din il-kollizzjoni inevitabbli. Illi fuq kollox jirrizulta mix-xhieda tal-konvenut illi l-vettura misjuqa minn Psaila huwa kien ra qabel ma sehhet il-kollizzjoni u ghalhekk kieku kien qieghad isuq b'daqsxejn iktar prudenza (jekk wiehed jista isejjah din il-manuvra bhala prudenti), seta' jevita l-kollizzjoni.

Illi t-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenzi citati mis-socjeta' attrici u cioe' dawk fl-ismijiet _Joseph Scerri vs Mario Micallef_ deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Gunju 1991, kif ukoll _Pio Ebejer vs Nazzareno Mamo_ deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fil-11 ta' Lulju 1986 u dana peress illi l-fattispecje ta' l-incidenti mertu ta' dawk il-kawzi huma kemmxejn simili ghal dak in dizamina.

Illi fir-rigward tal-quantum tad-danni, ma jirrizulta bl-ebda mod mill-atti processwali illi qed issir kontestazzjoni f'dan ir-rigward, ghalkemm il-konvenut jallega illi l-hsarat rapportati fil-vettura ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici kienu jezistu qabel l-incident. Ghandu jinghad, madanakollu illi ma tirrizulta l-ebda prova f'dan ir-rigward u n-natura tal-hsarat tidher illi hija kompatibbli mad-dinamika ta' l-incident. Illi l-vettura proprjeta' ta' Joseph Psaila kienet koperta *"comprehensive"* mas-socjeta' attrici nomine li hallset ghal hsarat kollha li garrbet din il-vettura u dana kif jirrizulta mid-dokumenti esibiti, Dokument MP3 sa MP6. Illi finalment ghalkemm ma ingiebet l-ebda prova dwar is-surroga mis-socjeta' attrici nomine, hemm qbil fuq dan il-punt bejn il-kontendenti u dana kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tas-7 ta' Ottubru 2002.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddecidi billi jiddikjara illi l-konvenut Gilbert Portelli kien unikament responsabbli ghall-incident stradali li sehh fl-24 ta' Lulju 2000 bejn il-vettura misjuqa minn Michael Psaila, proprjeta' ta' Joseph Psaila u l-vettura misjuqa mill-konvenut u kwindi jghaddi biex filwaqt illi jirrespingi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' tlett mija u disgha u hamsin liri Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm359.54c) bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tad-29 ta' Ottubru 2001 u dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' April 2002 u dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**